**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**

Educational Assessment Unit - Education Division

**IT-TIELET KLASSI** **STORJA** **TIME : 1hr 30min**

Name ______________________________ Class ______________

1. Imla l-vojt bil-kliem jew frażijiet li ġejjin.

Caravaggio; Ġlormu Cassar; Mattia Preti; bereġ; barokk; Sciberras; Laparelli; l-arazzi; mandraġġ; Manoel.

1.1 L-għolja fejn illum hemm il-Belt Valletta kienet tissejjaħ l-Għolja _____________________.

1.2 ______________________ kien l-arkitett li għamel il-pjanta tal-Belt Valletta.

1.3 Ħafna mill-bini tal-Belt illum huwa ta' stil ______________________.

1.4 Il-_____________________ kien l-aktar parti fqira u kerha tal-Belt Valletta.

1.5 Fost il-bini li nsibu hemm _____________________ fejn kienu joqogħdu l-kavallieri.

1.6 It-teatru _____________________ għadu jintuża sallum għall-kunċerti u affarijiet oħra.

1.7 ________________________ kien l-arkitett ta' bosta bini importanti fil-Belt, fosthom il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

1.8 Fil-Kon-Katidral insibu _____________________, rigal sabiħ tal-Gran Mastru Perellos.

1.9 Fil-Kon-Katidral insibu wkoll xogħlijiet kbar oħra fosthom qtugħ ir-ras ta' San Gjwann tal-famuż _______________________.

1.10 Xejn anqas importanti hija l-pittura ta' _____________________ li ssebbaħ is-saqaf tal-Kon-Katidral.

(10 marki)

2. Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

"Ma' Malta u Għawdex insibu bosta fdalijiet tal-Kavallieri. Insibu knejjes u palazzi, torrijiet u fortizzi u swar kif ukoll l-akwadott. Għad għandna bini, villaġġi u bliet sħaħ imsemmija għall-kavallieri jew Grand Mastri. Il-fortizza Rikażli msemmija għall-kavallier Ricasoli, is-swar tal-Kottonera msemmija għall-Gran Mastru Nikol Cottoner, il-gżira ċkejkna magħrufa bħala Manoel Island li hija msemmija għall-Gran Mastru Manoel De Vilhena. Dan il-Gran Mastru ħallielna bosta bini sabiħ fl-Imdina li kienet ġarrbet ħsarat kbar bit-terremot ta' l-1693. Vilhena ried li jirrestawra lill-Imdina u jsebbaħha. Hafna mix-xogħol sar mill-perit Franċiż Mondion."

2.1 X' insibu ta' żmien il-kavallieri li kienu jintużaw għad-difiża?

(a) ____________________ (b) ___________________ (ċ) __________________.

(3 marki)

2.2 Liema huwa l-bini li jissemma fis-silta u li kien jintuża biex jinġarr l-ilma għall-Belt Valletta? ____________________________. (marka)

2.3 X' għandna msemmi

(a) għall-kavallier Ricasoli? ______________________________

(b) għall-Gran Mastru Nikol Cottoner? _________________________

(ċ) għall-Gran Mastru Manoel De Vilhena? ___________________________

(3 marki)

2.4 X'kien ikkawża bosta ħsarat fl-Imdina fl-1693?

_________________________________________________________ (marka)

2.5 Lil min qabbad Vilhena biex isebbaħ lill-Imdina?

_________________________________________________________ (2 marki)

2.6 Liema Gran Mastru bena 13-il torri madwar ix-xtut ta' Malta?

_________________________________________________________ (2 marki)

2.7 Minbarra l-Kon-Katidral ta' San Gwann, semmi knisja oħra li bnew il-Kavallieri ________________________________________________ (2 marki)

2.8 Liema hu l-aqwa palazz fil-Belt li kienu bnew il-kavallieri?

_________________________________________________________ (2 marki)

(16-il marka)

3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

3.1 Semmi raġuni għaliex t-torrijiet ta' l-għassa nsibuhom ħdejn xatt il-baħar?

_______________________________________________

_______________________________________________

3.2 Għala l-Battalja ta' Lepanto titqies ġrajja ta' importanza kbira?

_______________________________________________

_______________________________________________

3.3 Semmi raġuni għala fil-gżejjer Maltin insibu ruxmata knejjes u kappelli?

_______________________________________________

_______________________________________________

3.4 Għala fil-Birgu nsibu bereġ u fdal ieħor tal-kavallieri?

_______________________________________________

_______________________________________________

3.5 Għala l-Ordni ħasset il-bżonn li jkollha flotta?

_______________________________________________

_______________________________________________

3.6 Semmi (a) raħal qadim u (b) belt qadima f' Malta u/jew f' Għawdex.

(a) ____________________ (b) ____________________

Semmi differenza waħda li hemm bejn raħal u belt.

_______________________________________________

_______________________________________________

3.7 Għala fi żmien l-Ordni l-morda kienu stmati ħafna?

_______________________________________________

_______________________________________________

(7 x 3 = 21 marka)

4.



4.1 F' liema perjodu kien jgħix Vassalli?

________________________________ (marka)

4.2 Vassalli kien Ġakbin.

X'jiġifieri? ________________________________

________________________________

________________________________ (2 marki)

4.3 Semmi xi suġġeriment li Vassalli għamel lill-Gran Mastru De Rohan? ________________

________________________________

________________________________

________________________________ (2 marki)

4.4 Għala l-partit tal-Ġakbini ssaħħaħ f'Malta?

________________________________

________________________________ (2 marki)

4.5 Agħti raġuni waħda għala l-Ordni saret daqshekk dgħajfa?

________________________________

________________________________ (2 marki)

4.6 Min keċċa lill-Ordni minn Malta? ________________________________ (marka)

4.7 Spjega ftit kif Malta għaddiet f'idejn il-Franċiżi.

________________________________

________________________________

________________________________

________________________________

________________________________

________________________________

________________________________

(5 marki)

(15 -il marka)

5. Agħżel sitta minn dawn li ġejjin. Ikteb sentenza b'kull waħda biex turi li taf x'inhi u x'importanza għandha fl-istorja ta' Malta. (Wieġeb fuq karta separata).

5.1 Il-Bibliotheca
5.2 Is-seklu sittax
5.3 Il-Kavallieri fil-Birgu
5.4 L-Inkwiżizzjoni
5.5 Forti Chambray
5.6 Is-swar ta' Firenzuola
5.7 Il-biedja fi żmien l-Ordni
5.8 Il-kariga ta' l-Isqof fi żmien l-Ordni.
5.9 Dun Mikiel Xerri fi żmien l-Imblokk.
5.10 Sir Alexander Ball.

(6 x 3 = 18-il marka)

---

6. Agħżel waħda u wieġeb fit-tul forma ta' komponiment. (Wieġeb fuq karta separata).

6.1 Spjega kif fi żmien l-Ordni il-Belt Valletta kienet ċentru
(a) amministrattiv
(b) kummerċjali
(ċ) kulturali
Spjega wkoll kif anke llum qed taqdi din il funzjoni.

6.2 Spjega kif il-Gżejjer tagħna huma mimlija bi fdalijiet ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann. Semmi xi post ta' żmien l-Ordni li mhux miżmum sew. X' taħseb li jista' jsir biex ikun fi stat ieħor?

6.3 Agħżel bejn il-konfoffa ta' l-ilsiera u l-irvell tal-qassisin.
(a) Irrakkonta x' ġara?
(b) X' kienu l-kawzi tal-konfoffa jew ta' l-irvell?

6.4 Għaliex il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi f'Settembru 1798? (Semmi mhux anqas minn erba' raġunijiet).

(20 marka)

---